// LEHEN IL-MALTI

IL-XXI SENA JANNAR-MARZU, 1951. Għadd 239-241.

# VIVA MALTA ! VIVA L-MALTI !

*L-Ilsien Malti għandu l-ġrajja tiegħu — Ġrajja ta' Rebħ u ta' Telf. Rebaħ meta rebaħ il-Poplu u tilef meta tilef il-Poplu.*

*Għax il-Malti huwa l-Ilsien tal-ħaddiema tal-art, tal-Maltin maħkuma, ta' dawk kollha li jridu jmiddu għonqhom għax-xogħol kmieni.*

*U madankollu għandhom kull dritt li jaqraw kitba tajba b'ilsienhom. Bħall-kotra tal-Franċiżi, tal-Ingliżi, tat-Taljani —bħal kotra tal-ħaddiema kullimkien li mħabba x-xogħol għal-"ħobża ta' kuljum" ma jaslux biex jaqraw u jifhmu tajjeb ħlief il-lingwa tagħhom.*

*Il-Malti hu ta' kulħadd. Imma jekk klassi mħassra minn influwenzi barranin jogħġobha tiċħdu bħalma tifel "snob" jiċ-ħad lil ommu għax jistħi minnha u floku tiżżejjen b'ilsien ħad-dieħor, il-kotra u min imexxiha ma jistgħu qatt jiċħdu dak l-ilsien li mingħajru l-poplu jaqta' kull kumnikazzjoni mal-ideat li jħarrku l-bniedem għall-progress, mal-kitba tajba li toħroġ mill-aħjar imħuħ, dawk li twieldu w mietu, dawk li għadhom ħajjin u oħrajn li għad iridu jitwieldu. Kotra li tiċħad ilsienha tagħmel suwiċidju politku soċjali. Tikkundanna ruħha b'idejha — tintilef u tintrebaħ; — tintrabat bil-ktajjen tal-ħakkiema tagħha.*

*Għalhekk il-Malti huwa għall-kotra sinjal ta' emanċipaz-zjoni — tifkira ta' ħelsien mill-ktajjen tal-injoranza li żam-mewha fid-dlamijiet għal sekoli sħaħ taħdem, tiekol ħażin ħażin, torqod; tarġa' tqum, taħdem, tiekol, torqod, — ġisem im-kisser bix-xogħol u moħħ dgħajjef. Ħajja tal-bhejjem!*

*Aħna l-Malti rriduh ikun tagħna lkoll. Kif inhu mill-ħolqien. Irridu naraw tagħlaq darba għal dejjem dik il-ferita li weġġgħet ħafna l-qalb ta' dawk il-Maltin li 'l Malta jħobbuha sħiħa, b'dak kollu li hu tagħha — jiġifieri Maltin li 'l Malta jħob-buha bil-Malti b'kollox bħalma l-Ingliżi, il-Franċiżi, it-Taljani jħobbu 'l art twelidhom bl-Ilsien li jintkellem fiha. Għax kif tista' tkun patrijott Malti xort'oħra?*

*Viva Malta! Viva l-Ilsien Malti! — il-Bandiera tal-eman-ċipazzjoni politiko-soċjali tal-kotra! Il-Kewkba tal-Ġieħ Naz-zjonali!*

Ġ.A.